MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru 384/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**JURGEN XERRI;**
**DONNA CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjub kontra Jurgen Xerri, ta' 27 sena, bin Carmel u Mary nee' Spiteri, imwieled tal-Pieta' nhar id-19 ta' Dicembru, 1987, residenti fil-fond numru 11, Tulip House, Triq Balbi, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 151479 (m);

U Donna Camilleri, ta' 19-il sena, bint Victor u Concetta nee' Caruana, imwielda tal-Pieta' nhar il-5 ta' Ottubru, 1986, residenti fil-fond Block 14, Flat 15, Rose Path,

Santa Lucija, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 457586 (M);

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fil-gimghat ta' qabel l-4 ta' April, 2006, wara nzul ix-xemx, f'Rahal Gdid, ikkomettew serq ta' diversi prodotti tal-ikel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' John Cuschieri mill-Gharghur;

2. U aktar tali fil-gimgha ta' qabel l-4 ta' April, 2006, d'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' il-prodotti msemmija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

**Jurgen Xerri wahdu akkuzat** talli sar recediv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, datati 21 ta' Jannar, 1998, u 27 ta' Jannar 2005, liema sentenzi saru definittivi;

U kif ukoll akkuzat talli bi ksur tal-*Probation, a tenur* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta ' Malta, fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 14 ta' Lulju, 2005 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;
Wara li rat l-ammisjoni tal-imputati, f'dan l-istadju tal-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat is-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti kif preseduta fil-konfront tal-imputat Jurgen Xerri, li permezz taghha sentenza tal-*Probation* datata 14 ta’ Lulju, 2005, giet ikkonverita f’terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur sospiza ghal sentejn (2).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati Jurgen Xerri u Donna Camilleri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant tordna li jitqieghdu taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlitt (3) snin u sentejn (2) rispettivament, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------